MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2008

Avviz Numru. 17/2007

**Charles Thorne u Clyde Thorne**

**vs**

**John Mallia Borg u martu Felicienne Mallia Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-22 ta’ Jannar tas-sena 2007 li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lill-intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu s-somma ta’ erbat elef, tlett mija, wiehed u disghin Lira Maltin, (LM4,391.00,0), rrapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovuti ghall-konsenja u l-bejgh ta’ oggetti tad-deheb u hagar iehor prezzjuz fuq inkarigu taghhom stess;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-konsenja inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali u tal-mandat ta’ sekwestru bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta ta’ l-intimati datata l-20 ta’ Frar tas-sena 2007 li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom;

2. Illi l-eccipjenti ma humiex il-legittimi kontradittturi stante illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u dan peress li l-ftehim dejjem sar bejn ir-rikorrenti u s-socjeta’ en nom collectif Mallia Borg & Co u ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi s-socjeta’ en nom collectif Mallia Borg & Co ghandha tigi kjamata fil-kawza peress illi hija s-socjeta’ Mallia Borg & Co li taghha l-eccipjenti huma diretturi li kienet tixtri u thallas fil-pront ghal oggetti tad-deheb minghand ir-rikorrenti. Illi sussegwentement inbidel il-ftehim u l-hlas beda jsir meta l-oggetti jinbieghu mis-socjeta’ Mallia Borg & Co u mhux mal-konsenja. Numru ta’ oggetti gew konsenjati lura lir-rikorrenti peress li dawn ma nbieghux mis-socjeta’ en nom collectif Mallia Borg & Co;

4. Illi mnghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma reklamata mir-rikorrenti ma hijiex dovuta fl-intier taghha hlief ghas-somma ta’ elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0), u dan skond ma jirrizulta mill-porspett li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument MB 1;

5. Illi l-eccipjenti nomine ghandhom fil-pussess taghhom numru ta’ crieket, colliers u display tad-deheb u hagar prezzjuz li s-socjeta’ Mallia Borg & Co. ma rnexxilhiex tbiegh u r-rikorrenti gew interpellati sabiex jigbruhom izda sal-lum baqghu ma gabruhomx;

6. Illi l-eccipjenti nomine bhala diretturi tas-socjeta' en nom collectif Mallia Borg & Co ghadhom ma thallsux is-somma ta' seba' mitt Lira Maltin, (LM700.00,0), rapprezentanti drittijiet dovuti lilhom ghall-valutazzjoni li huma kienu ghamlu fuq inkarigu tar-rikorrenti. Illi ghalhekk l-ammont bilancjali dovut lir-rikorrenti. Illi ghalhekk l-ammont bilancjali dovut lir-rikorrenti huwa ta' tlett mitt Lira Maltin, (LM300.00,0), u dan skond ma jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat bhala Dokument MB 1;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal datat is-6 ta' Novembru tas-sena 2007 li permezz tieghu t-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet giet limitata ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati;

Rat il-verbal tal-partijiet datat it-23 ta' Jannar tas-sena 2008 li permezz tieghu awtorizzaw lill-qorti biex tghaddi ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari;

Ikkunsidrat:

Illi din l-eccezzjoni sollevata mill-intimati hi limitata ghall-fatt li huma ma humiex il-legittimi kontradittturi stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti jirrizulta li t-talbiet tar-rikorrenti huma ndirizzati direttament u personalment fil-konfront tal-konjugi Mallia Borg, l-intimati;

Illi l-pretensjoni tar-rikorrent hi naxxenti minn negozju li l-istess rikorrenti ikkonkluda ma l-intimat li jiggestixxi hanut tad-deheb fi Triq Santa Lucija, il-Belt;

Illi skond l-intimat, il-ftehim li l-intimat ikkonkluda kien ma' Clyde Thorne u mhux mal-ko-rikorrenti Charles li jigi missieru;

Illi l-intimat jahdem taht il-kumpanija Mallia Borg and Company Limited, (ara fol 28), u r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda tajba;

Illi qabel l-intimat kien jiggestixxi l-istess hanut flimkien ma' huh izda f'dan il-perjodu ma kien hemm l-ebda relazzjoni mar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li meta l-intimat ha l-gestjoni tal-hanut de quo f'idejh u beda mill-ewwel jiggestixxi l-istess megozju that l-isem tal-kumpanija fuq indikata, li taghha huwa direttur;

Illi ghaldaqstant, ir-relazzjoni kummercjali li seta' kien hemmb ejn l-intimat Mallia borg u r-rikorrenti kienet wahda naxxenti mill-fatt li l-intimat, ghalkemm fizikament prezenti u firmatarju, kien biss qed jagixxi f'isem is-socjeta' ta' liabilita' limitata ndikata qabel u qatt ma agixxa f'ismu proprju bhala persuna fizika;

Illi ghaldaqstant, tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' l-intimati u tiddikjara li l-intimati John u Felicienne Mallia Borg ma humiex il-legittimi kontraditturi peress li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------